**6 ta' Novembru, 1959**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. A.J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

Giuseppe Gerada

*versus*

Salvu Attard

**Kontumaċja — Azzjoni Redibitorja — Vizzji Okkulti — Art. 1474 u 1475 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi, dan ma jagħtix lok għall-preżunzjoni tal-abbandun tal-lit', għad-difett ta' eċċezzjonijiet leġittimi, jew għal adezjoni għad-domanda; imma, invaċi, għas-suppożizzjoni ta' remissjoni għall-ġustizzja tat-tribunal.*

*Min jixtri oġġett mingħajr ma jagħmel eżami almenu superfiċjali tal-ħaġa li jixtri, u wisq anqas dak l-eżami li mill-esperjenza tiegħu soltu dejjem isir fix-xiri ta' oġġetti simili, ma jistax jinvoka l-azzjoni redibitorja biex jinħall mix-xiri u jrodd il-ħaġa li xtara lill-venditur u jieħu lura l-flus li ħallas għaliha.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attur, wara li ppremetta illi hu xtara minn għand il-konvenut ħmara bil-prezz ta' £26, u din irriżultat affetta minn vizzju redibitorju; talab li tiġi rexissa l-vendita tal-istess ħmara, u konsegwentement il-konvenut jiġi kundannat iħallas lilu s-somma ta' £26, bl-interessi kummerċjali minn notifikazzjoni tal-istess att taċ-ċitazzjoni, in restituzzjoni tal-prezz ġa mħallas. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Il-konvenut baqa' kontumaċi;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tad-29 ta' Mejju 1959, li biha ċaħdet it-talba, bl-ispejjeż, salva favur l-attur kull azzjoni oħra "si et quatenus"; wara li kkunsidrat;

Kif ġie ritenut fill-ġurisprudenza, għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi, dan ma jagħtix lok għall-preżunzjoni ta' abbandun tal-liti, għad-difett ta' eċċezzjonijiet leġittimi, jew għal adeżjoni għad-domanda; imma, inveċi, għas-suppożizzjoni ta' rimessjoni għall-ġustizzja tat-tribunal;

Għalhekk ġiet ordnata perizja biex jiġi verifikat jekk il-ħmara hijiex jew le affetta minn vizzju redibitorju;

Minn dik il-perizja rriżulta li l-ħmara għandha l-vizzju li ma tistax tinqabad, għaliex toqmos għal dak li jkun b'perikolu kbir għal min jipprova jaqbadha, u kellha ż-żewġ irkobtejn minfuħa u miġjugħa, u l-għeqiesi ta' quddiem miġjugħa fuqhom it-tnejn, u f'saqajba ta' wara żewġ sforzijiet ("bone spavins") qodma, u meta tittrottja għal distanza żgħira tofroq minn wara miż-żewġ saqajn; liema vizzji u difetti huma gravi, għaliex sensibbilment inaqqsu l-valur tal-ħmara, anzi jirrenduha mhux atta għall-użu li għalih hi destinata, u kienu pre-eżistenti għall-bejgħ; imma mhumiex vizzji jew difetti okkulti, għaliex ix-xerrej, l-attur, kien minnufih jinduna bihom kieku sempliċement ittrottja l-ħmara:

Wara li ppreżenta r-relazzjoni, fejn issottometta dak kollu li ġie fuq rilevat, il-perit ġie mill-attur imsejjaħ biex jixhed, u qal li min ma jkollux esperjenza kbira tal-bhejjem ma tantx jittendi bit-tifriħ tal-ħmara, peress li din tofroq fiż-żewġ saqajn, imma min għandu esperjenza ħafna mill-ewwel għandu jinduna bid-difett kif iġiegħelha tittrottja; però l-perit xehed ukoll illi, trattandosi tal-ħmara in kwistjoni, avvolja d-difett hu fiż-żewġ saqajn — jidher aktar jekk f'waħda — wieħed jinduna bih kif din tibda tittrottja; li fil-fatt il-ħmara wriet dan id-diffett kif bdiet tittrottja, u li tofroq dejjem, anki jekk tkun mistrieħa ġurnata jew tnejn fl-istalla u mbgħad wieħed joħroġha u jibda jittrottjaha, u tofroq fil-bidu u tibqa' tofroq anki wara li tagħmel żmien timxi. Inoltre, fil-każ, il-provi wrew

li b'dan id-difett, apparti l-vizzju jew vizzji oħra riskontrati, jinduna mill-ewwel bihom anki wieħed li forsi jista' jgħid li ma għandux ħlief ftit esperjenza, jiġifieri l-istess attur, kif jiġi rilevat aktar il-quddiem;

Il-Qorti taqbel li skond ir-riżultanzi tal-perizja l-vizzji ma jistgħux jiġu kunsidrati redibitorji, tali, jiġifieri, li jagħtu lok għall-analoga garanzija "di diritto", li minnha l-attur, kif hu stess għal darbtejn iddikjara, idderiva l-azzjoni li eżerċita;

U difatti, skond il-liġi, il-bejjiegħ hu obligat jagħmel tajjeb għad-difetti li ma jidhrux tal-ħaġa mibjugħa li jagħmluha mhix tajba għall-użu li għalieħ hija maħsuba, jew li jnaqqsu daqshekk il-valur tagħha illi x-xerrej ma kienx jixtriha, jew kien joffri prezz iżgħar, kieku kien jaf bihom (art. 1474 Kodiċi Ċivili); u l-bejjiegħ ma jwieġebx għad-difetti li jidhru, li x-xerrej seta' jsir jaf bihom waħdu (art. 1475 Kod. ċitat); "avrebbe potuto da sè stesso conoscere", kien jgħid it-test taljan tal-Ordinanza VII tal-1868 (art. 1139), li għadu jiswa għall-interpretazzjoni tal-kliem adoperat fit-testi attwali;

Kwindi l-garanzija li l-venditur għandu jagħti lill-kumpratur hija għall-vizzji jew difetti gravi, okkulti, u preeżistenti;

Il-miżura tal-gravità, u l-kriterji li fuqhom għandu wieħed joqgħod biex jasal għal dik il-miżura, tagħtihom l-istess liġi; u huma tnejn, wieħed obbjettiv, u l-ieħor subbjettiv, it-tnejn intimament kollegati u konnessi; il-kriterju obbjettiv konsistenti fl-assoluta inettitudini tal-ħaġa li sservi għall-użu li għalieh hi destinata, dak li l-kumpratur isemmi lil-l-venditur meta jkun għarrfu bl-użu li għalieh ikun iddestina l-ħaġa, jew dak normali u abitwali tal-ħaġa meta l-kunpratur ma jkun qal xejn u xejn ma jkun jista' jippruvah, jew fis-sempliċi diminuzzjoni ta' dak l-użu; u l-kriterju subbjettiv meħud mill-personali intenzjoni tal-kumpratur, u dan il-kriterju jikkompleta l-ieħor, speċjalment meta jkun il-każ ta' sempliċi diminuzzjoni ta' użu, billi f'dak il-każ neċessarjament ikollu jiġi riċerkat jekk id-diminuzzjoni tal-użu hix ta' dik l-entità li l-kumpratur,

kieku kien jafha, jew ma kienx ikun dispost li jixtri l-ħaġa, jew, jekk dispost, ma kienx, iżda, joffri l-prezz patt-wit;

Fil-każ preżenti, il-ġudizzju tal-perit fuq dan il-punt hu ċar u preċiż. Il-vizzju mhux biss inaqqas l-użu, imma jirrendi, assolutament, il-ħmara inetta għall-użu tagħha; u allura l-indaġini dwar il-preżumibbli intenzjoni tal-kumpratur ma tippreżentax diffikultà. Il-vizzju hu, per konsegwenza, gravi, skond il-kriterji tal-leġislatur;

Mill-perizja jirriżulta wkoll li l-vizzju kien pre-eżistenti, jiġifieri kien fil-ħmara minn qabel il-konklużjoni tal-kuntratt; aħjar, qabel il-mument li fih il-ħmara għaddiet għar-riskju u perikolu tal-attur;

Imma l-vizzju mhux okkult, skond il-kriterju tal-leġislatur. Dan ma ddeterminax il-karattri tal-vizzju moħbi, imma ddetermina l-karattri tal-vizzju apparenti, meta stabbilixxa li l-venditur ma jweġibx għad-difetti li jidhru, li x-xerrej seta' jkun jaf bihom waħdu. L-oħrajn, li ma humiex tali, huma okkulti. Il-leġislatur, bl-imsemmija dispożizzjoni tal-liġi, ta żewġ karattri distinti, wieħed konsistenti fl-apparenza esterjuri u manifesta tal-vizzju, u l-ieħor fil-possibbiltà li fiha l-kumpratur ikun jinsab li jsir jaf bihom jekk ikun eżamina l-ħaġa bid-diliġenza okkorrenti; jiġifieri, biex vizzju jkun apparenti, mhux neċessarju li jkun jidher esterjorment b'mod hekk evidenti u apert li immedjatament jikkolpixxi lil dak li jkun, imma hu biżżejjed li jkun jista' jiġi konoxxut wara ċertu eżami;

Il-leġislatur, kwindi, impliċitament jimponi lill-kumpratur l-obligu li jivverifika l-istat u l-kondizzjoni tal-ħaġa, taħt il-piena li ma jkunx jista' mbgħad jissolleva ebda reklam għall-vizzji apparenti li minnhom il-ħaġa tkun affetta; u din il-verifika għandu jagħmilha bid-diliġenza konsweta li juża l-"bonus pater familias", u mingħajr distinzjoni jekk il-verifika tippreżentax fil-fatt diffikultajiet kbar jew żgħar, billi l-liġi, meta ġġiegħel tiddependi l-apparenza tal-vizzju miċ-ċirkustanza li l-kumpratur seta' jinduna bih, ma tibbada bl-ebda mod la għall-mezzi li bihom għandu jinqeda, u lanqas għall-ostakoli maġġuri jew minuri li jkollu

bżonn jissupera, naturalment sakemm il-konoxxenza tal-vizzju ma tkunx tippreżenta diffikultà tali li, non ostanti l-eżerċizzju tal-imsemmija diliġenza, il-vizzju ma jkunx jista' jiġi skopert; u jekk ix-xerrej ma jkunx kapaċi jivverifika hu personalment il-ħaġa, għall-inesperjenza jew imperizja tiegħu, għandu f'dan il-każ jisserva jew jassisti ruħu minn persuna prattika u esperta; u jekk ma jagħmelx hekk, ma jkunx jista' jgħid li adempixxa dan l-obligu tiegħu, l-għaliex dan hu wieħed mill-każi li fihom għandha tiġi applikata r-regola "imperitia culpae adnumeratur", sakemm, naturalment, dan jiġi ntiż in relazzjoni għal dak tal-ordinarja u konsweta diliġenza ta' eżami li aktar il-fuq ġiet aċċennata; għaliex il-liġi ma teżiġix xogħol li mhux soltu jsir, eżami diffiċli u komplikat, provi tekniċi, esperimenti twal, imma almenu eżami pjù o meno akkurat ta' bniedem prattiku;

Dan jgħiduh il-maġġuranza tal-kittieba li kkommentaw id-dispożizzjonijiet analogi tal-Kodiċi Ċivili Taljan u Franċiż, li jaqblu kelma b'kelma mad-dispożizzjonijiet fuq riferiti tal-Kodiċi Tagħna, u *kwindi dak li huma kitba jiswa* għall-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-liġi tagħna, b'eċċezzjoni żgħira, bħal, per eżempju, Vidari;

U difatti, Pacifici Mazzoni jgħid:— "Il venditore non è *garante dei vizi e difetti* apparenti, dei vizi cioè e dei difetti che il compratore avrebbe potuto da sè stesso conoscere con attento esame della cosa che comprava; se non li conobbe, imputi a sè di essere malaccorto contraente, o di aver contrattato da solo quando non era sufficientemente esperto" (Vol. V, paġ. 82);

Laurent jgħid illi l-kliem tal-liġi "li x-xerrej seta' jkun jaf bihom waħdu" ma jfissrux li hu neċessarju li jikkolpixxu l-għajn, imma li l-kumpratur għandu jeżamina l-ħaġa u jivverifikaha, u jekk ma jipproċedix għall-verifika ma jkunx jista' *jsostni li ma* kienx jaf bil-vizzju, għaliex wieħed ikun jista' jirrispondi bil-liġi illi hu seta' waħdu jkun jaf bihom; u jekk ma jagħmelx l-eżami u l-verifika, għandu jissaporti l-konsegwenzi tal-proprja negliġenza, u l-liġi ma tiddistingwix jekk il-verifika hix pjù o meno diffiċli. Jekk il-kumpratur seta' jikkonoxxi d-difett bil-veri-

fika tal-ħaġa, ma għandux dritt għall-garanzija (Vol. 24, paġ. 212);

Tartufari jikteb:— "Che se egli (ix-xerrej) per inesperienza o imperizia non fosse in grado di verificare la cosa personalmente o da sè, dovrebbe in ciò farsi supplire od assistere da persona pratica o esperta; senza di che, il suo obbligo non potrebbe di certo ritenersi adempiuto" (Cod. di Comm., Vol. III, paġ. 391);

Baudry-Lacantinerie u Saignat jiktbu:— "Poco importa anche che la scoperta del vizio offra qualche difficoltà; la semplice possibilità di scoprirlo basta perchè non sia occulto. Noi crediamo, anzi, che l'inabilità e inesperienza del compratore non permettono di considerare come occulto, rispetto a lui, un vizio che una persona più competente avrebbe avvertito; chi non ha le cognizioni necessarie per stimare la cosa che vuole comprare, deve domandare il concorso di persona capace di farlo. Cosicchè nel comprare una cosa deve, se non conosce egli stesso la costruzione, ricorrere ai consigli di un architetto; ma non potrà invocare la sua inabilità, la sua ignoranza,, per far sciogliere la vendita per vizi o difetti che egli non ha visti, ma che niente nascondeva. Tanto vale fare della cosa un esame superficiale, quanto farlo da solo quando non si è capaci" (Della Vendita e della Permuta, paġ. 439). U dan kien il-parir ta' Pothier, li, meta kiteb illi l-kumpratur hu tenut jeżamina l-ħaġa qabel jixtriha, aġġunġa "u jekk ma jifhemx fiha għandu jġiegħel li tiġi eżaminata minn wieħed li jifhem fiha" (Vente, n. 207);

U anki Troplong wera li hu ta' l-istess parir, meta pprospetta l-każ ta' kwadru ta' pittur divers minn dak li tiegħu jġib il-firma bħala vizzju redibitorju, u qal illi dik il-kwalità pjù o meno prezzjuża li jagħtu lill-kwadru l-isem u l-inġenju tal-artista mhix kwalità okkulta, għaliex il-konoxxituri jindunaw aġevolment; huma jiddistingwu l-manjiera tal-pittur; huma għandhom dati pożittivi biex jikklassifikaw l-iskejjel; kieku, kwindi, il-kumpratur irrikorra għalihom seta' jevita l-iżball ċirka l-meritu tal-ħaġa (Della Vendita, paġ. 388). Dan intqal biss biex tiġi murija l-opinjoni ta' Troplong dwar in-nuqqas ta' diliġenza da parti tal-

kumpratur inespert li ma jirrikorrix għal min ikun jifhem fl-eżami tal-ħaġa, u ċertament mhux biex jingħad li kwadru li mhux l-opra tal-awtur li tiegħu jġib l-isem għandu jiġi kunsidrat affett minn vizzju jew difett, imma jkun inveċi jsofri minn xi kwalità li l-venditur bħala segola mhux responsabbli għaliha, ħlief meta, jew minħabba n-natura tal-ħaġa, jew b'konvenzjoni espressa jew taċita, tkun sostanzjali (Pacifici Mazzoni, paġ. 83) ;

Dan kollu ntqal fit tul għax l-attur donnu jaħseb, kif deher li wera li jaħseb fl-imsemmija nota tiegħu, illi l-awturi ma jirrikjedux, kif hu ssottometta, li x-xerrej għandu jqabbad espert, naturalment, kif jgħidu l-kittieba fuq ċitati, f'ċerti każijiet u kunsidrata x-xorta tal-ħaġa; u l-attur iċċita wkoll xi sentenzi tat-tribunali tagħna, xi wħud bażati fuq sentenzi ta' Qrati Taljani. Jekk wieħed ifittex fil-ġurisprudenza estera, taljana u franċiża, isib sentenzi f'sens u f'ieħor, jiġifieri x'uħud li rritentew illi l-venditur mhux tenut għall-garanzija meta l-vizzju seta' jiġi konoxxut kieku x-xerrej inespert ma kkuntrattax waħdu, u oħrajn li jidhru li jammettu li l-vizzju hu okkult għall-kumpratur li jkunu jonqsulu konjizzjonijiet tekniċi biex jikkonoxxieh. Anki fil-ġurisprudenza tagħna hemm xi sentenzi f'dan is-sens, bażati fuq dawk is-sentenzi tat-tribunali taljani, fosthom xi tnejn mis-sentenzi li ġew ċitati, għaliex l-oħrajn ma jagħmlux preċiżament għall-każ, jew huma konformi għall-opinjoni prevalenti, billi mill-eżami tal-ġurisprudenza tagħna wieħed jista' jirrikava illi l-idea prevalenti hi dik li, meta biex wieħed jasal biex jinduna bil-vizzju jkun hemm bżonn ta' għajn ta' espert, hemm il-vizzju anki jekk l-espert ma ġiex imfittex, imma meta l-kumpratur inespert ma jkunx lanqas naqas għad-diliġenza ordinarja li jsejjeħ persuna esperta, ikun rikjest xi esperiment prattiku komplikat jew twil, jew ikun diffiċli anki għall-istess espert li jinduna bil-vizzju. U dan hu konformi għal dak li ntqal, għaliex, kif ġa ġie aċċennat, dak li ntqal ċirka d-diffikultajiet li jopponu ruħhom għall-konoxxenza tal-vizzju għandu jiġi korrelatat ma' dik l-ordinarja u konsweta diliġenza ta' eżami li ġiet fuq indikata. Jekk dawk id-diffikultajiet ikunu tali illi, non ostante l-użu ta' dik id-diliġenza anki fit-tfittxija ta' persuna prattika, ma jistgħux jiġu skoperti, kif, per eżempju, vizzju li jirriżulta wara

anki analisi kimika, vizzju relattiv għall-mekkaniżmu li jirrikjedi esperimenti tekniċi ta' durata twila, ma għandhomx jiġu kunsidrati bħala apparenti;

Imma fil-każ preżenti għandna mhux biss li persuna prattika setgħet mill-ewwel daqqa ta' għajn tinduna bid-difett li kellha l-ħmara (u dan jirriżulta mill-verbal tależami li l-espert għamel tal-ħmara, billi jingħad li rriżulta mill-ewwel li l-ħmara għandha vizzju li ma tistax tinqabad għaliex "toqmos għalik, b'perikolu kbir għal min jipprova jaqbadha", u li meta ġiet ittrottjata għal distanza żgħira bdiet tofroq minn wara mit-tnejn), imma għandna wkoll il-prova li l-attur ma eżaminahiex, lanqas superfiċjalment, meta kkorda fiha, u dan jirriżulta mill-istess depożizzjoni tiegħu, billi hu xehed hekk:— "Meta mort biex nixtri l-ħmara...... Wara dan, aħna ftehemna li huwa jbegħli l-ħmara bil-prezz ta' £26, bil-patt ta' qawwija u sħieħa...... Jiena ma osservajtx jekk il-ħmara kienetx miexja sewwa jew le, peress li jiena qgħadt fuq il-patt li tagħni l-konvenut". Mill-istess depożizzjoni tal-attur wieħed jirrikava wkoll xi ħaġa aktar, u ċjoè illi, kieku eżamina l-ħmara, billi jġiegħelha sempliċement tittrottja — ħaġa li kull ħadd jagħmel meta jixtri bhima bħal dik — kien mill-ewwel, b'għajnejh biss, mingħajr il-bżonn tal-assistenza ta' ħadd, jinduna bid-difett, l-għaliex l-għada, kif ittrottjaha daqsxejn, hu mill-ewwel induna bid-difett, u bagħat jgħid lill-konvenut biex jeħodha lura. Hu difatti xehed ukoll f'dan is-sens:— "Wasalt Ħal-Qormi...... però din mill-ewwel bdiet tofroq minn wara...... biex jerġa' jeħodha lura";

Il-vizzju, kwindi, ma hux okkult; għaliex kien jidher b'mod illi l-istess attur seta' jsir jaf bih waħdu ("da sè stesso"), u għal difetti apparenti bħal dawn ma hemmx il-garanzija "di diritto" li minnha unikament l-attur iddeiva, u fuqha biss ibbaża. l-azzjoni li eżerċita; u jekk hu għandu xi azzjoni oħra derivanti mill-garanzija konvenzjonali, allura jaġixxi in forza ta' dik il-garanzija u jeżerċita l-azzjoni analoga, għaliex din ma tistax tiġi kunsidrata f'dan il-ġudizzju, billi din il-garanzija ma tistax tiġi konfuża mal-oħra, u l-azzjonijiet relattivi għandhom regoli differenti;

L-attur, fix-xhieda tiegħu, donnu deher li ried ukoll jagħti ad intendere li l-konvenut ipprova jingannaħ, billi xehed ukoll li l-konvenut żamm il-ħmara marbuta, u li meta hu raha marbuta l-konvenut qallu li kienet qegħdha marbuta minħabba l-irogħoż, biex ma toqtollux xi waħda; imma jekk jippretendi li f'dan jara atti frawdolenti da parti tal-konvenut, biex jingannaħ, f'liema każ ċertament tittieħed in konsiderazzjoni l-injoranza u l-inesperjenza tal-konvenut, dan ma jġibx għall-azzjoni redibitorja eżerċitata mill-attur, imma għall-azzjoni tan-nullità per dolo, li hija wkoll għandha regoli wisq differenti;

Rat in-nota tal-appell tal-attur, u l-petizzjoni tiegħu, li biha talab illi s-sentenza appellata tiġi revokata, u konsegwentement jiġu milqugħa t-talbiet tiegħu; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Kif sewwa qalet l-Ewwel Qorti, l-attur fil-każ preżenti ma għamelx, qabel xtara l-ħmara, lanqas eżami superfiċjali, wisq anqas dak l-eżami illi, kif qal il-perit, mill-esperjenza tiegħu soltu dejjem isir qabel ix-xiri ta' bhejjem. Fil-każ preżenti, id-difett jidher li kien tant kbir u ovvju li, kieku l-attur għamel l-anqas attenzjoni u eżami, kien jinduna bih anki mingħajr ebda assistenza ta' esperti. Infatti, l-għada stess, mill-ewwel darba nett li saqha u ħares lejha, hu waħdu, bla għajnuna ta' ħadd, induna bid-difett;

Għal din ir-raġuni, u mingħajr ma l-Qorti tidħol fi kwistjonijiet oħra diskussi fis-sentenza appellata, din il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-attur.